# L-ISLA U L-KOTTONERA FL-IMGĦODDI U LLUM



Fit-28 ta' Awissu 1670 kienet tqiegħdet l-ewwel ġebla tas-sur qawwi li kellu jdawwar l-ibliet ta' l-Isla, Bormla u l-Birgu skond il-pjanta mfassla mill-inġinier magħruf ta' dak iż-żmien Valperga. Kien il-Granmastru Nikola Cotoner li ordna dan il-proġett kbir ta' fortifikazzjoni għat-tlett ibliet minħabba l-biża' li t-Torok setgħu jaħbtu darb'oħra għal Malta kif kienu għamlu ftit aktar minn mitt sena qabel. Minn dak iż-żmien l-Isla, Bormla u l-Birgu, imdawrin u mħarsin mis-sur twil u għoli ta' Cotoner, saru magħrufin flimkien bħala "Il-Kottonera."

F'dawn l-aħħar xhur il-Kottonera reġgħet bdiet tissemma sikwiet fil-Parlament, fil-ġurnali u fuq il-mezzi tax-xandir. Mhux minħabba xi biża' ġdid ta' ħbit ieħor mit-Torok jew minn xi flotta barranija fuq il-Port il-Kbir ta' Malta, iżda għaliex wara li tat l-akbar sehem u ħallset l-ogħla prezz f'ħajjiet ta' nies u propjetà ta' bini għall-ħelsien ta' pajjiżna fl-aħħar gwerra dinjija, tħalliet imwarrba u minsija għal dawn l-aħħar ħamsin sena. Ebda belt jew raħal f'Malta ma ġarrab tifrik u ħerba akbar mit-tlett Ibliet u ħadd fost il-Maltin ma bata u tilef aktar min-nies ta' l-Isla, Bormla u l-Birgu. Bosta minna tlifna lill-qraba, lil djarna u kull ma kellna. Inqtajna jew qalgħuna mill-egħruq tagħna u xterridna jew ferrxuna ma' l-erbat irjieħ tal-gżira.

Sa dak iż-żmien bosta Maltin kienu għadhom iqisu l-Kottonera bħala l-"benniena taċ-ċiviltà" f'pajjiżna. Bormla kienet ċentru kummerċjali mill-aqwa. Il-Birgu kien magħruf bħala l-belt tas-snajja'. U l-Isla kienet ċentru ta' kultura u edukazzjoni ċivika u reliġjuża. Sa minn żmien il-Kavalieri ħarġu mit-tlett Ibliet bosta persuni prominenti li baqgħu msemmija għall-ġieħ li għamlu lil pajjiżna f'kull qasam importanti tal-ħajja pubblika Maltija. Niftakarni

**(ikompli f'paġna 29)**

*(ikompli minn paġna 27)*

nisma' fi tfuliti lill-Arċisqof ta' dak iż-żmien Dom Mawru Caruana igħid li l-Isla kienet qisha ġnien u li kull meta hu kien ikollu bżonn xi warda għall-knisja ta' Malta kien imur jagħżilha minnu. It-toroq ewlenin tat-tlett Ibliet kienu mżejna b'uħud mill-isbaħ u l-akbar djar li kien hawn f'dak iż-żmien. Wieħed għadu jista' jilmaħ xi waħdiet minn dawn id-djar, li ħelsu mill-ħerba ta' l-aħħar gwerra, fit-triq ewlenija ta' l-Isla li qabel ma ġġarrfet ħamsin sena ilu kienu jsejħulha t-"Triq tal-palazzi żgħar". Sal-bidu tat-tieni gwerra kbira għadd mhux żgħir fost l-istudenti fl-aqwa skola sekondarja, il-"Malta Lyceum" u fl-Università ta' Malta kienu mill-Kottonera. Fl-Kottonera wkoll kienu jinbtu sena wara sena għadd ġmielu ta' vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Għadni niftakar li meta faqqgħet l-aħħar gwerra f'Ġunju ta' tnejn u ħamsin sena ilu kien hawn mhux anqas minn tletin saċerdot joqogħdu hawn l-Isla. In-nies tal-Kottonera kienu wkoll magħrufin għall-bżulija u l-għaqal tagħhom kif ukoll għall-indafa ta' bliethom u djarhom.

B'xorti tassew ħażina l-bombi tat-tieni gwerra kbira ġarrfu mhux biss il-ħafna djar sbieħ u kważi l-bini kollu tat-tlett Ibliet, imma qerdu wkoll it-tradizzjoni kulturali u ċivika li kienet issawret u trawmet fihom għal madwar erba' mitt sena. Bosta u bosta familji li l-gwerra qaċċtithom mill-egħruq tagħhom fil-Kottonera ma reġgħux lura minħabba l-ħerba li ħallew warajhom is-snin tal-gwerra. Ġenerazzjoni sħiħa ta' tfal lanqas skejjel fejn jitgħallmu ma kellhom għal ħafna snin. Naqsu jew għebu l-edukaturi u l-istituzzjonijiet edukattivi għat-tfal u għaż-żgħażagħ li kienu karatteristika ta' l-akbar ġid għall-Kottonera.

F'dawn il-kodizzjonijiet, it-tibdil kbir soċjali, ekonomiku u politiku li ġiebet magħha u ħalliet warajha l-aħħar gwerra laqat fil-laħam il-ħaj, kif ngħidu bil-malti, lill-Kottonera. Wara kważi għoxrin sena ta' tlugħ mill-ġdid tal-bini mġarraf, ftit li xejn sar svilupp f'din in-naħa tal-gżira. Kien hemm żmien meta nxteħet bħal dell fuq l-isem tal-Kottonera u tan-nies li jgħammru fiha. Il-bidla tat-tarzna minn stabiliment navali għal impriża kummerċjali kompliet toħloq problemi ġodda għall-ambjent tat-tlett Ibliet u għall-familji li joqogħdu fihom. Għal ħafna snin l-ilmenti ta' dawn in-nies baqgħu bħal leħen fid-deżert. Minħabba f'hekk mijiet ta' familji għażlu li jitilqu minn dawn l-ibliet lejn ambjent aħjar u aktar nodfa. U dan il-ħruġ għadu sejjer.

Hija tassew ħasra kbira li żøna daqshekk storika u importanti issa qegħdin isejħulha u jqisuha "żona depressa." Għalkemm ilha mġennba u minsijja, il-Kottonera għad tista' tintrefa' u tiġġedded jekk ikun hemm rieda tajba u soda f'kull min għandu għal qalbu l-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna. Kumitat dinamiku u attiv bis-serjetà għar-"Riabilitazzjoni tal-Kottonera", jekk ikun mogħni b'imħuħ u b'għodod adekwati, jista' jiftaħ it-triq għall-qawmien mill-ġdid tat-tlett Ibliet. L-imgħoddi, li kiseb għal dawn il-bliet l-ismijiet ta' Vittoriosa, Cospicua u Invicta, iqawwi l-qlub tan-nies tal-Kottonera biex jibdew iħarsu lejn il-ġejjieni b'tama ġdida li ma għadx tintemm bil-piena.

**Professur Mons. C. Muscat**